**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 879/00DM

Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Bortex Clothing Company Limited

Vs

Noel Cutajar u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2001 gie kkjamat in kawza Jesmond Tonna

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut u l-kjamat in kawza sabiex wara li tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara bejn l-istess konvenut u Saviour Baldacchino is-sewwieq tal-vettura numru FAH 285 u li sehh fit-12 ta' Mejju 1999 fil-limiti tal-Imsida waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vetttura FBY

681 b'mod traskurat u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-Traffiku u wara li tillikwida id-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' seba` mija u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lm 775.81) jew ammonti ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' Periti nominandi, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2000 u tal-konsult (Lm 15.00) kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kif ukoll bl-ispejjez ta' ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u ippresentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Semghet I-provi li gew prodotti u semghet ukoll il-konvenut Noel Cutajar imsejjah mill-atturi in subizzjoni u rat id-digriet taghha tat-8 ta' Marzu tas-sena 2001 permezz ta' liema gie msejjah fil-kawza Jesmond Tonna.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fl-1 ta' Gunju tas-sena 2001 permezz ta' liema huma cedew l-atti tal-kawza fil-konfront biss tal-konvenut Noel Cutajar.

Billi l-kjamat fil-kawza debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici, wara li l-Qorti semghet il-provi kollha prodotti fil-konfront tal-istess kjamat in kawza konsistenti fid-dokumenti esebiti u d-deposizzjoni prodotta mill-atturi, issib it-

talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u ghandhom jigu kkonfermati fil-konfront biss tal-konvenut Jesmond Tonna u ghaldaqstant qieghda tiddikjara lil kjamat fil-kawza Jesmond Tonna responsabli ghad-danni kollha sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku indikat fl-avviz u qieghda tillikwida id-danni totali sofferti mill-kumpanija attrici fis-somma ta' sebgha mija u hamsa u sebghin liri Matin u wiehed u tmenin centezmi (Lm 775.81) u qieghda tikkundanna lil istess kjamat fil-kawza Jesmond Tonna sabiex ihallas lil atturi is-somma hekk likwidata ta' sebgha mija u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Marzu tas-sena 2001 u

Bl-ispejjez kontra l-kjamat fil-kawza Jesmond Tonna.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg